MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 55/1989/1

Rosario u Grezzja konjugi Said, Anthony u Giorgia konjugi Sacco, Concetta mart George Xuereb u l-istess George Xuereb bhala kap tal-Kommunjoni tal-Akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu Concetta Xuerebu b'digriet tat-2 ta' Dicembru 1993 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Concetta Xuereb biss stante li George Xuereb miet fil-mori tal-kawza u Concetta Xuereb

vs

Carmela mart Moses Falzon, Francesca mart Francesco Buttigieg f'isimha u bhala kuratrici deputata tal-imsiefra Rosaria arma ta' Alan Ramsden kif nominata b'digriet ta' dina l-Qorti tas-6 ta' April 1989 u b'digriet sussegwenti tas-27 ta' Ottubru 1998 l-atti gew trasfuzi f'isem Michael u Anthony Buttigieg stante l-mewt tal-imsemmija Francesca Buttigieg, Michael Said

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li fiha ppremettew:

Illi huma kemm personalment kif ukoll permezz tal-familjari taghhom ghal diversi snin irrendew servigi, kuri u assistenzi lil certu Maria Antonia armla ta’ Anthony Said, bint il-mejtin Michael Angelo Caruana u Rosaria nee’ Farrugia, imwielda r-Rabat, Ghawdex, fejn mietet fis-16 ta’ Jannar, 1989, u dana kif jidher mill-estratt tal-att tal-mewt tal-istess Maria Antonia Said (dok.A);

Illi l-istess Maria Antonia Said irregolat is-successjoni taghha bit-testment tat-18 ta’ Settembru 1987 (Nutar Michael Refalo) u halliet bhala werrieta universali taghha lill-konvenuti kollha hawn imsemmija, kif ukoll lill-attur Rosario Said;

Illi minkejja diversi weghdiet l-istess Maria Antonia armla ta’ Anthony Said naqset li tikkumpensa lill-atturi ghas-servigi minnhom wkoll resi u minnha accettati f’diversi testmenti minnha maghmula;

Illi l-konvenuti bhala l-eredi tal-mejta Maria Antonia Said qeghdin jirrifjutaw li jersqu bonarjament ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ kumpens gust lilhom dovut;

Talbu ghaliex m’ghandhiex il-Qorti prevja, jekk hemm bzonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tas-servigi, kuri u assistenzi, illi:

1. tillikwida l-hlas dovut mill-konvenuti lill-atturi ghas-servigi, kuri u assistenzi minnhom u mill-familjari taghhom resi lill-mejta Maria Antonia Said matul diversi snin;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihalsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 1989 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharka. Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccipew:

1. li ghall-azzjoni attrici hija ta' ostakolu l-preskrizzjoni ta' hames snin kontemplata mill-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li l-konvenuti jinvokaw favur taghhom;

2. li l-mejta Maria Antonia Said tigi omm l-attur Rosario Said u ghalhekk stante l-parentela hekk mill-qrib, l-attur m'ghandu ebda jedd ghas-servigi;

3. li mhux veru li l-atturi rrendew xi servigi li taghhom jisthoqqilhom xi kumpens;

4. li del resto l-atturi hadu tant affarijiet inkluzi flus minghand l-mejta Maria Antonia armla ta' Anthony Said li zgur gew ikkumpensati ghal dak li setghu talvolta irrendew bhala servigi jew servizzi ohra;

salvi eccezzjonjiet ohrajn fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-atturi kollha ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom annessa l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn gie nominat l-Avukat Carmelo Galea bhala perit legali (folio 36) sabiex jirrelata fuq it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, spejjez provizzorjament tal-atturi;

Rat id-digriet taghha (fol 403) fejn gie nominat l-AIC Gordon Vella sabiex jaghmel stimi tal-fondi enumerati 58 u 59 Triq San Domeniku, Rabat, Ghawdex.

Rat ir-relazzjonijiet rispettivi tal-esperti nominati debitament mahlufa folio 172 et seq u 417 rispettivament.

Rat ir-rikors tal-attrici Concetta Xuereb (folio 127) fejn tablet stante l-mewt ta' zewgha George Xuereb li l-atti jigu trasfuzi f'isimha biss segwit mid-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn laqghet it-talba;

Rat r-rikors tal-konvenuti (folio 389) fejn intalab li l-atti jigu trasfuzi f'isem l-eredi tal-konvenuta Francesca Buttigieg li mietet fil-mori u d-digriet taghha, kif diversament preseduta, fejn l-atti gew trasfuzi f'isem Michael u Anthony Buttigieg;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal taghha tad-9 ta' Novembru 2004 u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici Concetta Xuereb.

Ikkunsidrat:

Il-meritu tal-kawza huwa l-hlas ta' kumpens ghall-allegati servigi resi lil Maria Antonia Said minghand Rosario u Grezzja konjugi Said, Anthony u Giorgia konjugi Sacco, u Concetta Xuereb. L-imsemmi Rosario hu fost l-ulied tad-decujus mentri Giorgia Sacco u Concetta Xuereb, tfal ta' Rosario, huma in-neputijiet taghha.

Jirrizulta mill-atti li s-servuta, Maria Antonia Said, mietet armla fis-16 ta' Jannar 1989 u waqt hajjitha ghamlet bosta testmenti, kif ser jigi hawn taht spjegat. Il-Qorti fil-fatt thoss li f'dan l-istadju jkun utili li ssir referenza ghalihom sakemm pertinenti ghall-vertenza 'ut sic' u b'riferenza ghall-atturi. L-ewwel zewg testmenti saru 'unica charta' datati 11 ta' Ottubru 1972 u 5 ta' Ottubru 1975, it-tnejn atti Giuseppe Cauchi. Fihom it-testaturi, konjugi Said, hallew 'inter alia' b'titolu ta' legat lill-Concetta Said (allura minuri u bint bin it-testaturi, Rosario Said – l-attwali attrici Concetta Xuereb) "il-lok tad-djar zghir li huma testaturi ghandhom fl-imsemmija Vittorja, Triq San Duminku, numru sebgha u hamsin u tale quale kif inhu

mikri lil certu George Sacco. Dana talli l-legatarja ilha torqod minn meta kienet zghira mat-testaturi u tipprestalhom servizzi bil-lejl". Miet Antonio Said u l-armla, l-imsemmija Antonia Maria Said, ghamlet erba' testmenti ohra: l-ewwel wiehed fid-29 ta' April 1983 atti Nutar Michael Refalo fejn hassret kull testament ta' qabel u inter alia halliet b'legat lill-neputija taghha Giorgina Said (bint binha l-imsemmi Rosario) "is-sehem taghha kollu u cioe nofs (½) tal-fond Victoria, Gozo, Saint Domenic Street, numru tmienja u hamsin (58), liberu u frank u dana bhala hlas u in totali kumpens tas-servigi, kuri u assistenzi kollha illi l-istess legatarja rendiet lit-testatrici dawn 'l ahhar seba' (7) snin u bl-obbligu illi tibqa' tipprestalha dawn is-servigi, kuri u assistenzi sal-gurnata tal-mewt"; it-tieni fil-11 ta' Novembru tal-istess sena atti l-istess Nutar li fih it-testatrici iddisponiet kif gej: "(L-ewwel Artikolu): Illi s-successjoni futura taghha tigi regolata biz-zewg testmenti illi hija kienet ghamlet flimkien mal-mejjet zewgha fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-11 ta' Ottubru elf disa' mija tnejn u sebghin (1972) u tal-hamsa ta' Awissu elf disa mija hamsa u sebghin (1975) kif ukoll bit-testment illi hija ghamlet wahedha fl-atti tieghi tad-disa u ghoxrin (29) ta' April tas-sena korrenti; (It-Tieni Artikolu): B'referenza ghar-raba' Artikolu tal-precitat testament taghha tal-hdax (11) ta' Ottubru 1972, it-testatrici tiddikjara ghal kull buon fini illi l-fond hemm legat lill-Concetta Said (illum mart George Xuereb) jinkludi l-maqjel illi attwalment qed jifforma parti mill-lok tad-djar tal-abitazzjoni taghha. It-testattrici tiddikjara illi qed taghmel din il-precizzjoni (sic) a skans ta' ekwivoci peress illi l-fond kif kien mikri dak iz-zmien lil George Sacco imsemmi fl-istess artikolu, kien jinkludi mieghu l-imsemmi maqjel. It-testattrici inoltre tiddikjara illi b'dan l-artikolu mhix thalli xi haga li mhux taghha (peress illi l-istess maqjel kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn it-testatrici u l-mejjet zewgha) imma qeghdha biex tispjega l-imsemmi Artikolu"; it-tielet fit-18 ta' Settembru 1987 atti l-istess Nutar li fih u fil waqt li kkonfermat it-testmenti precedenti taghha halliet bi prelegat lil uliedha Rosario u Michael ahwa Said u lin-neputija taghha Giorgia mart Toni Said bint Rosario Said is-sehem taghha kollu mid-dar tmienja u hamsin (58) Saint Domenic Street, Victoria, Gozo; ir-

raba u l-ahhar testament li ghamlet kien fl-14 ta' Dicembru 1988 atti l-istess Nutar fejn iddisponiet li thassar kull testament precedenti u inter alia halliet b'legat lin-neputija taghha Giorgia mart Anthony Sacco s-somma ta' mitt lira (Lm100). Jirrizulta ghalhekk minn dak fuq intqal, a bazi tat-testmenti fuq riferiti, li hemm rikonnoximent tas-servigi li gew prestati minn Concetta Xuereb u Giorgia mart Toni Sacco, li ghalkemm il-kumpens ghal dawn s-servigi ma giex rikonfermat fl-ahhar testament taghha, xorta izda jippersisti r-rikonoxximent li dawn saru, dan ukoll b'riflessjoni ghall-preskrizzjoni eccepita l-ewwel mill-atturi, li kwindi ma treggix, stante illi l-azzjoni giet intavolata entro t-terminu li din il-preskrizzjoni bdiet tghaddi, cioe l-14 ta' Dicembru 1988. Jirrizulta wkoll fil-konfront tal-attrici Carmena Xuereb illi hija gja ppercepiet nofs indiviz tal-fond numru 57 inkluz il-maqjel Triq San Duminku, Victoria.

Ikkunsidrat:

L-istadju ghalhekk li jmiss hu dak sabiex jigu evalutati s-servigi li l-atturi individwalment irrendew. F'dan l-ezami u prescindendo mit-termini tac-citazzjoni taghhom l-ezami huwa ristrett ghas-servigi resi lill-Maria Assunta Said.

L-ezami ser jissokta bl-attur Rosario Said: fix-xhieda tieghu (kopja dattilografata folio 247) hu ddeskriva s-servigi billi accenna ghall-perjodu li kien ghadu haj missieru u semma' li kien jamministra l-affarjiet taghhom. Kien jigbrilhom flushom mill-bank, jircievi l-flus taghhom, ihallas il-kontijiet 'u generalment jaghmel dak kollu illi hemm bzonn'. Fil-konfront ta' ommu semma li kellu prokura generali taghha u kompla qal li 'meta miet missieri kont bdejt niehu hsiebha. Xoghol iehor kien isir minn membri tal-familja tieghi u jiena kont nindahal f'kaz ta' bzonn, per ezempju, jekk ommi kien ihossha hazin bil-lejl meta binthi kienet ghadha xebba jew meta binti ma kinitx tiflah'. Il-perit legali ttratta dan l-attur fil-paragrafu 39, 40 u 41 tar-relazzjoni tieghu u afferma li mhu dovut ebda kumpans lil dan l-attur. Din il-Qorti taqbel ma' dina l-konkluzjoni tal-perit legali taghha u f'kull kaz izzid illi jekk il-presunzjoni hi li kull servigi jinghataw bi skop ta' kumpens dejjem jispetta lil minn qieghed jirreklamhom li

jipprova. Din il-prova ma ssirx b'mod generiku izda trid tkun bazata fuq is-sustanza li tinkorpora mhux biss il-kwalita' izda wkoll l-entita' tas-servigi. Fir-rigward dan l-attur apparti x-xhieda generika tieghu li jirrizulta li hu kien isarraf ic-cekk tal-pensjoni darba fix-xahar u kien okkazjonalment jitma lil ommu, kien pero' jigi kkumpensat, fatt li hu fl-ebda hin ma cahad.

Dwar Cettina Xuereb, ix-xiehda dattilografata taghha tirrizulta folio 233 sa 238. Is-servizzi taghha jestendu tul perjodu ta' ghaxar snin sa meta izzewget fis-17 ta' Lulju 1975. Hi tiddiskrivi is-servigi bhala li jikkonsistu fil-parti preponderanti taghhom f'tindif tad-dar u hasil tal-hwejjeg li ssoktaw ukoll fil-perjodu meta kienet l-iskola u sussegwentement meta kienet tahdem gewwa fabbrika. Kienet fil-fatt tqum u torqod ghand nannitha tant li bil-lejl meta n-nanniet ma kienux jifilhu kienet tmur isejjah lit-tabib. Isemmi li kienet fdiet bi flusha ic-cens tal-post numru 57/58, Triq San Duminku, Victoria u ssemmi li ghamlet sitt snin (skond ix-xhieda ta' l-allura kerrej) iddahhal il-kera ta Lm6 hi. Issa fir-rigward il-flus sborsati minnha f'dan il-fidi din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici, fit-termini tal-kawza, mhi intitolata xejn stante li l-kawza titratta servigi resi u mhux arrikkiment indebitu minn terzi. Pero' l-attrici ghandha d-dritt tircievi xi kumpens ghas-servigi u dan ser jigi likwidat aktar l-isfel f'dan il-gudikat. Is-servigi resi mill-attrici fil-fatt jirrizultaw mhux biss mix-xhiedha taghha izda wkoll mill-assiem tal-provi in atti.

Dwar Giorgia Sacco, ix-xhieda dattilografata taghha tinsab folio 239 sa 243. Dwar is-servigi jirrisulta li gew resi wara li ohtha Concetta Xuereb izzewwget u ma baqghetx tippresta s-servigi taghha u baqghu jigu resi sa sentejn qabel mietet is-servuta. Li kien hemm servigi resi minn din l-attrici johrog aktar skjett, mix-xhieda li nstemghu fil-kawza, milli johrog fir-rigward ohta. Bhal fil-kaz ta' din ta' l-ahhar dawn is-servigi huma rikonoxxuti f'testment tas-servuta tad-29 ta' April 1983 (konfermat b'dak tal-1987). Il-perit legali ttratta l-kwalita' u l-entita' ta' dawn is-servigi mill-paragrafu 47 sa 56 tar-relazzjoni tieghu f'certu dettal tali li din il-Qorti ma jidhirlix li ghandha ghalfejn tespandi aktar. Il-Qorti taqbel ukoll mas-somma ta' Lm1872

likwidata favur din l-attrici bhala hlas ghas-servigi minnha resi lil Maria Antonia Said, liema ammont ghandu jkopri kull servigi li talvolta rrenda zewgha Anthony Sacco li jirrizulta qua attur f'din il-kawza flimkien ma' martu u liema ammont hu dovut mill-eredita'. Jigifieri l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhalsu s-somma fuq imsemmija nieqes kwinta parti stante illi l-ispartizzjoni tal-eredita' tispetta lill-hames uliedha kompriz l-attur Rosario Said.

Ikkunsidrat:

Jonqos li tigi stabbilita s-somma li tispetta lill-Concetta Xuereb bhala hlas tas-servigi resi minnha. F'dan ir-rigward, fuq talba taghha, l-Qorti kienet innominat lill-Perit Arkitett Gordon Vella biex jaghti stima tal-fondi 58 u 59, Triq San Duminku, Victoria. Il-Perit Arkitett nominat ivvaluta l-fondi ghaz-zmien rilevanti l-istituzzjoni tal-legat favur din l-attrici (sussegwentement revokat fl-1988) fis-somma komplessiva ta' elf seba' mija u sebghin lira Maltin (Lm1770). Tenut kont l-perjodu ta' disa' snin, iz-zmien li fih gew resi (is-snin sebghin), il-fatt li l-din l-attrici gja ssufruwiet minn nofs il-fond gja moghtija b'legat, u dan flimkien ma' fatturi ohra, senjatament fuq dak li xehed it-tabib kuranti tad-decujus li s-servuta kienet issofri minn mard tal-qalb u kienet diabetika u li fiz-zmien li fihom gew resi s-servigi zewg is-servuta kien ghadu haj, il-Qorti hi tal-fehma li ammont gust u ragonevoli bhala hlas tas-servigi ghandu jkun ta' seba' mitt lira (Lm700) li, hawn wkoll, il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhalsu nieqes kwinta parti.

Ghaldaqstant, qeghdha tiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li qeghdha tilqa' t-talbiet tal-atturi, fil-konfront ta' Anthony u Giorgia konjugi Sacco u Concetta Xuereb u tichad l-istess talbiet fil-konfront ta' Rosario u Grazzja konjugi Said, qeghdha tikkundanna lill-konvenuti jhalsu kwantu lil Giorgia u Anthony Sacco s-somma ta' elf erba' mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm1497) ossija tliet mija u erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm374.25) kull wiehed u wahda mill-konvenuti originali u lill-Concetta Xuereb is-somma ta' hames mija u sittin lira

Maltin (Lm560) ossija mija u erbghin lira Maltin (Lm140) kull wiehed u wahda mill-konvenuti originali.

Dwar l-ispejjez: dawk tal-attur Rosario Said ghandhom jibqghu a karigu tieghu; il-konvenuta Concetta Xuereb ghandha tbati l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-espert arkitett Gordon Vella; waqt li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha rimanenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------